

Brussell, 11 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12594/19

CDR 195

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata l-4 ta' Lulju 2019, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Álvaro DOS SANTOS AMARO, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni¹.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, il-Gvern Portugiż ippropona² għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:
 - a) bħala membru:
 - Is-Sur Hélder António GUERRA DE SOUSA SILVA, *Presidente da Câmara de Mafra*,

¹ 12519/19.

² 12592/19.

u

b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Carlos André Teles Paulo DE CARVALHO, *Presidente da Câmara de Tabuaço*.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 12593/19 bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
5. Dik id-Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE.
